MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2011

Talba Numru. 339/2011

**Debono Miguel– ID-119275M**

**vs**

**Dingli Antonio – ID-13563M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab lit-Tribunal, previa kull dikjarazzjoni opportuna, li l-intimat jigi kkundannat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' tlett elef, erba' mija, erbgha u disghin Ewro (€3,494.00) dovuti minnu stante li hu kien jikri l-fond bin-numru 6, Wood Land, Triq il-Ficus, Attard, skond kuntratt ta' kera datat l-1 ta' Settembru 2007 (Dok A) fejn inkorra kontijiet ta' dawl u ilma li kellu jhallas ghalihom l-istess intimat izda minhabba l-inadempjenza tieghu gew imhallsa mir-rikorrenti, skond ma jirrizulta minn Dok B hawn anness;

Illi minkejja li l-intimat gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas dan l-ammont lir-rikorrenti huwa baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-intimat li hu ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' tliet elef erba' mija erbgha u disghin Ewro (€3,494.00), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------